MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2014

Numru 925/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Mohamed Abdulmajed Abungab**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Mohamed Abdulmajed Abungab, iben Abdulmajed u Aisha nee` Abungab, imwieled Tripoli nhar it-22 ta’ Mejju 1996 u residenti 120, Villa Norfolk, Triq is-Sidra, Swieqi, detentur tal-passaport bin-numru 531496:

1. Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar is-27 ta’ Settembru 2014, ghall-habta tal-hamsa u nofs ta’ filghodu (05.30 a.m.) fi Triq is-Sidra, Swieqi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe` vettura tal-ghamla Volkswagen numru ta’ registrazzjoni BER 403, liema hsara tiskorri l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,169.69) ghad-dannu ta’ Bernice Galea u/jew persuni ohra (Art. 325(1)(a), Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

2. Akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi seraq hames Euro (€5) fi flus kontanti u apparat zghir elettroniku tal-arja kondizzjonata, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta’ Bernice Galea u/jew persuni ohra (Art. 261(b), (f), (g), 263(a), 270, 271(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb dwar dan;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, kif registrata meta sar l-ezami tieghu ai termini tal-imsemmija artikoli tal-ligi, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-

Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fedina penali tieghu li hija wahda netta, li huwa hallas il-valur totali tal-hsarat ikkawzati minnu u anke l-eta` tieghu. Min-naha l-ohra qieset ukoll in-natura u s-serjeta` tal-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan stante illi r-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni serva bhala mezz ghal fini sabiex seta’ jigi kommess ir-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(h), 261(b), (f), (g), 263(a), 270, 271(g), 278(3) u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra

tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi, kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------